# QORTI TA' L-APPELL KRIMINAL

**IMHALLEF Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 11 ta' Jannar, 2002**

Appell numru 202/2001 (VDG)

Il-Pulizija
(Spettur Antonello Grech)

-vs-

Godwin Grech

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Godwin Grech talli fit-13 ta' Lulju 2001, ghall-habta tat-tlieta u ghaxra ta' fil-ghodu (3.10am) f'Ghajnsielem, Ghawdex, saq vettura numru IAV 083

1. b'velocita' eccessiva;
2. b'manjiera perikoluza; u
3. b'*silencer* mhux effettiv.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-7 ta' Novembru, 2001, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Godwin Grech hati skond l-ewwel zewg imputazzjonijiet, izda illiberatu mit-tielet imputazzjoni; dik il-Qorti (fuq l-ewwel zewg imputazzjonijiet) ikkundannatu multa ta' tletin lira (Lm30) u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tliet xhur;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmi Godwin Grech, minnu prezentat fid-9 ta' Novembru, 2001, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li ma kienx hemm prova la ta' sewqan b'velocita' eccessiva u anqas ta' sewqan b'manjiera perikoluza. Din il-Qorti, pero', fuq id-deposizzjoni ta' PS567 Teddy Bajada, tara li l-

ewwel Qorti kellha provi bizzejjed quddiemha li a bazi taghhom setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. In partikolari t-*tyre marks* ta' mija u tlieta u tletin (133) pass imhollija fil-karreggjata mill-vettura huma prova elokwenti ta' sewqan aktar milli semplicement traskurat.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-perjodu ta' tliet (3) xhur sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan jibda jiddekorri mit-tlieta ta' wara nofs inhar (3.00pm) tal-lum.

(ft.) V. DeGaetano
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur